PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9254 — MUTB/CFSGAM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 83/09)

1. Fil-25 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsubishi UFJ Trust and Banking Corporation ("MUTB", il-Ġappun)

— Il-grupp Colonil First State Global Asset Management ("CFSGAM", l-Awstralja).

MUTB takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' CFSGAM kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— MUTB hija sussidjarja proprjetà kollha kemm hi ta' Mitsubishi UFJ Financial Group, Inc. ("MUFG"), li topera mad-dinja kollha u tipprovdi firxa sħiħa ta' servizzi bankarji. Skont ir-reġjun ġeografiku, dawn jinkludu servizzi bankarji lill-konsumaturi, servizzi bankarji korporattivi u ta' investiment, kif ukoll ġestjoni tal-assi u servizzi ta' bejgħ u kummerċ.

— CFSGAM huwa n-negozju ta' ġestjoni tal-assi dinjija tal-Commonwealth Bank of Australia ("CBA"). CFSGAM joffri prodotti minn ekwitajiet, introjtu fiss u alternattivi (proprjetà u infrastruttura) għal investituri istituzzjonali kif ukoll investituri korporattivi / fil-livell tal-konsumatur. CFSGAM huwa attiv f'għadd ta' ġurisdizzjonijiet, inklużi Sydney, Edinburgu, Hong Kong, Londra, New York u Singapore. Barra mill-Awstralja huwa magħruf ukoll bħala First State Investments ("FSI").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9254 — MUTB/CFSGAM

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË